**QORTI CIVILI - PRIM AWLA**

**S.T.O. Prim Imhallef**
**Mark Chetcuti**

**Illum it-Tnejn, 27 ta' April, 2020**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 364/2020**
**fl-ismijiet**

**Jesmond Micallef**
**vs**

**Aaron Sciberras u martu Roselyn Sciberras**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tal-11 ta' Marzu 2020.

Rat ir-risposta tal-intimati tat-13 ta' Marzu 2020 fejn oppona ghal hrug tal-mandat ghal diversi ragunijiet.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-11 ta' Marzu 2020 fejn laqghet provizorjament il-hrug tal-mandat.

Rat l-atti u n-noti prezentati mid-difensuri tal-partijiet fejn fost affarijiet ohra qablu li l-Qorti tista' tghaddi biex taghti digriet finali in camera.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti qed jitlob il-hrug tal-mandat fuq pretensjoni monetarja konsegwenti ghal ftehim li sar bejn il-partijiet fit-3 ta' Mejju 2017 fejn l-intimat kellu jesegwixxi xoghlijiet b'valur ta' €300,000 a favur tar-rikorrenti wara li r-rikorrenti trasferilu n-negozju.

Ir-rikorrenti isostni illi d-dritt prima facie jirrizulta ictu oculi ghax sallum l-intimat ghadu ma esegwixxa ebda xoghol mqabbad jaghmel mir-rikorrenti. L-intimat isostni illi t-talba hi prematura ghax l-iskrittura u konsegwenti l-obbligu tal-intimat tiskadi fit-3 ta' Mejju 2020. Din il-Qorti ma tqis tali raguni wahda serja meta t-3 ta' Mejju 2020 fadallu biss ftit granet ohra u imkien l-intimat ma jghid li f'dawn it-tlett snin adempixxa ghal xi parti minn dan il-ftehim. Kwindi hu inverosimili li l-intimat ser jesegwixxi bi €300,000 f'xoghlijiet sat-3 ta' Mejju 2020. B'zieda ma' dan l-intimat isostni li fl-1 ta' Mejju 2020 hu hallas lir-rikorrenti €145,000 u esebixxa dokument a rigward. Din il-Qorti tqis illi tali dokument hu datat fl-1 ta' Mejju 2017 u l-iskrittura saret fit-3 ta' Mejju 2017 u ma hemm ebda referenza ghal xi hlas u jekk tali hlas kienx relatat mal-iskrittura tat-3 ta' Mejju 2017. Dawn huma kwistjonijiet semmai ta' mertu izda ma' jimpingu bl-ebda mod fuq talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghal kreditu li prima facie jirrizulta li r-rikorrenti ghandu pretensjoni cara dwarha.

Din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-intimat illi kellu mezzi ohra biex jikkawtela l-pretensjoni tieghu b'mandati ohra. Il-provi prima facie juru illi r-rikorrenti ipprezenta mandat ta' sekwestru fejn sostna li ma nqabad xejn. L-intimat irrisponda li ma kienx notifikat bil-mandat. Il-Qorti tqis illi anki jekk id-debitur mhux notifikat, il-banek zgur gew notifikati u d-debitur imkien ma jghid li gie avzat b'xi sekwestru u/jew li ghandu mezzi ohra li jaghmlu tajjeb ghal pretensjoni.

Ghalhekk ghal fini ta' din il-procedura l-Qorti tqis li r-rikorrenti ipprova jedd prima facie li jisthoqqlu jigi presentat. Inoltre ma jidhirx li jekk ma jinharigx il-mandat il-pregudizzju tar-rikorrenti hu rimedjabbli mod iehor billi ma saret ebda accenn ta' prova mill-intimat li l-pretensjoni tar-rikorrenti hi kawtelata jew kawtelabbli b'mod iehor u lanqas ingiebet prova minnu li l-proprjetajiet imsemmija fil-mandati huma ta' valur li jeccedu bil-bosta l-pretensjoni kawtelata. Semmai din hi kwistjoni li trid issir procedura ad hoc dwarha.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tilqa' t-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati, spejjez ghall-intimati.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur